Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Urġenti Numru 48

Data tal-laqgħa: 7 ta` Mejju 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, f`12.00.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 48.1 Ħatra tal-bord tal-evalwazzjoni għat-Tenders BLC 01/2018 u BLC 02/2018

48.1.1 Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bid-data 26/04/2018 bit-titlu: POC 136/2018 – *Instruction to Local Councils – Procurement – Evaluation Committee.*

48.1.2 Il-Kunsill qed jiġi nfurmat lir-Regolament 15.1 tal-Linji Gwida dwar l-Akkwisti ġie emendat. Dan ir-Regolament qed jiġi sospiż u l-Awtoritajiet Lokali jistgħu wkoll jaħtru kwalunkwe persuna bħala Evalwatur. Dan sakemm tinħareġ Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

48.1.3 Għalhekk il-Kunsill unanimament qabel li l-bord maħtur fil-laqgħa li għaddiet jiġi mibdul. Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li sakemm tinħareġ iċ-Ċirkulari u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, il-bord ikun magħmul mill-Kunsilliera stess.

48.1.4 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Daniel Muscat
Evalwaturi: Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri u l-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara` u Joe Galea.

48.1.5 Il-Viċi Sindku Andre` Grech u l-uffiċjal eżekuttiv Mariella Casha se joqgħodu *Opening Staff*.

## 48.2 *One-Way System* fi Triq Ġuże` Bonnici u toroq tal-madwar

48.2.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kummenti kollha li ġew mibgħuta mir-residenti. Kopja ta` dawn ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

47.2.2 Ġew imqassma wieħed u disgħin (91) ittra lir-residenti ta` Triq Ġuże` Bonnici, Triq Balaguer, Triq l-Annunzjata u Triq Wiġi Ebejer. Minn dawn, il-Kunsill irċieva:

- 6 kummenti favur;
- 18 –il kumment kontra;
- 4 bgħatu suġġerimenti imma ma ndikawx jekk humiex favur jew kontra;
- 63 ma bgħatu l-ebda risposta.

47.2.3 Is-Sindku qal li apparti l-kummenti mibgħuta lill-Kunsill, diversi nies marru personalment l-uffiċċju tiegħu biex joġġezzjonaw għal din is-sistema. Ħafna minn dawn xtaqu li jibqgħu anonimi. Is-Sindku qal, li kif inhi s-sitwazzjoni llum, mhux ċert jekk il-Kunsill għandux jipproċedi. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li jew tittawwal iż-żmien ta` prova b`xahar ieħor, jew jitneħħew tliet (3) *parking bays* fi Triq l-Annunzjata fil-parti ta` fejn qed l-iżvilupp għax meta jkun hemm makkinarju pparkjat, qed jinħoloq konġestjoni tat-traffiku.

47.2.4 Il-Viċi Sindku qal li biex jitneħħa l-*parking* minn Triq l-Annunzjata, jitneħħa mill-ewwel minn Triq Guze Bonnici. Is-Sindku qal li biex jitneħħa l-*parking* minn Triq Guze Bonnici, jkun hemm bżonn li jitneħħew sitt (6) *parking bays.*

47.2.5 Il-Viċi Sindku qal li l-problema hija l-influss kbir ta` karozzi ta` nies minn barra r-raħal li jgħaddu mill-qalba ta` Ħal Balzan biex jevitaw it-traffiku ta` toroq arterjali. Għalhekk, qed jissuġġerixxi li jingħalaq l-aċċess minn Triq Ġulju Cauchi u min-naħa ta` Triq l-Għerusija għal pjazza, biex nies minn barra r-raħal jiġu skoraġġati li jużaw lill-Ħal Balzan bħala *bypass*.

47.2.6 Il-Kunsillier Joe Galea qal li n-nies tat-toroq l-oħra jridu li kollox jibqa` kif kien u jitneħħa l-*parking* min-naħa waħda ta` Triq Ġuże` Bonnici.

47.2.7 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li mis-suġġerimenti li rċievejna, jaqbel li jinżebgħu *double yellow lines* fi

Triq Ġuże` Bonnici man-naħa tal-bandli fil-parti ta` fejn mhux suppost jipparkjaw karozzi (bejn il-pjazza u Triq Wiġi Ebejer).

47.2.8 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` ikkummenta dwar kif intalbu li jissottomettu l-kummenti tagħhom għax b`xi mod setgħet tiddiskrimina lil dawk in-nies li forsi ma jafux jaqraw u jiktbu.

47.2.9 Is-Sindku qal li qed tinħoloq konfużjoni sħiħa f`ċertu ħinijiet, fejn ikun hemm ammont ta` karozzi ħirġien mill-*parking* ta` quddiem il-Każin San Gabriel. Qal ukoll li vetturi kbar qed isibu problema biex jgħaddu minn Triq l-Annunzjata.

47.2.10 Il-Viċi Sindku qal li mill-kummenti li rċievejna, jidher li l-kwistjoni tar-residenti ta` Triq l-Annunzjata hi li ma jridux karozzi li jgħaddu mit-triq tagħhom.

47.2.11 Il-Kunsillier Joe Galea qal li l-Kunsill għandu jimxi mad-deċiżjoni li ħa fil-laqgħat li għaddew u ilmenti anonimi m`għandhomx jiġu kkunsidrati.

47.2.12 Resident minn Triq Balaguer, li kien preżenti għall-laqgħa ilmenta dwar kif il-Kunsill iddeċieda li jagħmel il-proċess għax qal li min ma jafx jikteb, qed jiġi kkunsidrat li jaqbel ma` din is-sistema. Ir-resident ġie mgħarraf li, min ma jafx jikteb seta` ġie l-uffiċċju tal-Kunsill jinforma b`dan jew seta` iffirma l-petizzjoni li xi residenti kienu qed idawwru. Ir-resident kompla jispjega r-raġunijiet għalxiex ma jaqbilx ma` din is-sistema.

47.2.13 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kollu approva l-ittra li ntbagħtet lir-residenti, kif ukoll fuq il-proċess ta` kif ser tittieħed id-deċiżjoni finali, u għalhekk il-Kunsill għandu l-obbligu li jimxi ma` din id-deċiżjoni.

47.2.14 Wara li l-Kunsill qara l-kummenti kollha mibgħuta mir-residenti, unanimament ġie deċiż li din is-sistema tal-*one-way* għandha titkompla għax kien hemm aktar favur milli kontra din is-sistema. L-ilmenti anonimi ma ġewx ikkunsidrati mill-Kunsill. Din id-deċiżjoni ġiet ibbażata fuq kif kien maqbul fil-laqgħat ta` qabel, ċioe` li, ir-residenti kellhom jibgħatu l-kummenti bil-miktub sa l-aħħar ta` April 2018 u li min ma jissottomettix l-ilment mal-Kunsill, ikun meqjus li hu favur.

Il-laqgħa ntemmet fis-1.15pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 21 ta` Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |